# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta` Gunju, 2002.**

**Numru**

**Citaz. Numru: 1453/83**

**Eddie Fenech Adami u Louis Galea ghan-nom in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista u Louis Galea ghan-nom u in rapprezentanza ta` Independence Co Ltd u b`Nota ta` l-4 ta` Novembru 1988 l-Avukat Austin Gatt assuma l-atti flok Louis Galea ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista**

**vs**

**Carmelo Bonello, Supretendent tal-Pulizija, f`ismu proprju, u Paul Bond, Spettur tal-Pulizija, f`ismu proprju**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza ta` l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta` Mejju 1996 li tghid hekk:

> "Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta` Novembru 1983 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fil-lejl ta` bejn is-26 u s-27 ta` Novembru 1983 il-Pulizija mmexxija mis-Supretendent

Carmelo Bonello ghamlet 'search' fid-dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista u fl-ufficini tal-Independence Co. Ltd.; illi matul dan is-'search' saru hsarat konsiderevoli f`bibien u oggetti ohra propjeta` ta` l-atturi, kif ukoll insterqu diversi oggetti; illi dawn il-hsarat kienu kollha rizultat ta` sgassi li setghu jigu evitati kieku thalla jidhol Louis Galea li kien seta` jissupplixxi c-cwievet ta` kullimkien; illi l-istess Louis Galea ma thalliex jidhol fuq ordni diretta tal-konvenut Paul Bond li assuma personalment ir-reponsabbilta` ta` din l-ordni meta gie mitlub li jiccekkja fuq hekk mal-Kummissarju tal-Pulizija; illi l-konvenut Carmelo Bonello ripetutament irrifjuta li jhalli l-istess Louis Galea jidhol fid-dar Centrali; illi l-konvenut Paul Bond impedixxa wkoll lil Ugo Mifsud Bonnici milli jidhol fid-dar Centrali nonostante li kien infurmat li dan kien ufficjal tal-partit u ghalkemm gie mitlub mill-istess Ugo Mifsud Bonnici biex jikkonsulta mal-Kummissarju tal-Pulizija, insista fuq l-ordni w assuma personalment ir-responsabbilta` ghaliha; illi ghalhekk l-hsarat u n-nuqqasijiet kollha huma dovuti ghall-abbuz ta` poter tal-konvenuti illi waqt 'search' eccedew mill-poteri li ttihom il-ligi jew naqsu li jikkontrollaw in-nies taht ordni taghhom u b`hekk ikkawzaw danni konsiderevoli; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi noe waqt is-'search' li saret fid-dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista u l-ufficcju ta` Independence Co. Ltd. Fis-27 ta` Novembru 1983;

2. tillikwida l-ammont ta` dan sofferti mill-atturi;

3. konsegwentement tikkundannahom jhallsu solidament bejniethom lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata in linea ta` danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w il-lista tax-xhieda ta` l-atturi nomine.

Rat in-nota tal-konvenut Spettur tal-Pulizija Paul Bond presentata fid-29 ta` Frar 1984 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi c-citazzjoni odjerna hija intempestiva billi ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest kif rikjest mil-ligi ta` procedura civili.

2. In-nullita` tac-citazzjoni billi ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest li fih il-pretensjoni jew it-talbiet attrici fil-konfront ta` l-eccipjent – peruna li ghandha kariga pubblika

u in konnessjoni ma xi haga maghmula fil-kwalita` ufficjali taghha – gew imfissra b`mod car, u ghalhekk hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. In-nullita` tac-citazzjoni billi dina giet iffirmata minn avukat li huwa membru tal-Parlament u l-kawza hija wahda minn dawk l-kazijiet kontemplati mil-ligi li fihom avukat li hu membru parlamentari ma jistax jezercita l-professjoni jew xort`ohra jagixxi ta `avukat, u ghalhekk hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. In-nullita` ta` l-att tac-citazzjoni stante li jimporta citazzjoni kollettiva li mhix annessa fil-ligi u fid-dottrina f`kaz bhal dak kontemplat fic-citazzjoni odjerna, u ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi ma jidhirx li Eddie Fenech Adami u Louis Galea ghandhom ir-rapprezentanza guridika tal-Partit Nazzjonalista u ghalhekk, fil-konfront ta` l-attur Partit Nazzjonalista l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

6. Illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenut u l-kumpanija attrici Independence Co. Ltd billi l-hsarat li kellhom jsiru u li saru mill-konvenut l-iehor Supretendent Carmelo Bonello saru fi proprjeta` ta` l-attur Partit Nazzjonalista u ghalhekk it-talbiet ta` l-Independence Co. Ltd ghandhom jigu respinti.

7. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u konsegwentement fid-dritt bili huwa la kkaguna u anqas kien responsabbli ghal hsarat jew danni li saru fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista fil-lejl ta` bejn is-26 u s-27 ta` Novembru 1983 u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda.

Rat id-dikjarazzjoni w il-lista tax-xhieda tal-konvenut Spettur tal-Pulizija Paul Bond.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenut Supretendent tal-Pulizija Carmelo Bonello presentata fid-29 ta` Frar 1984 li hija identika ghal dik ta` l-Ispettur Paul Bond hlief ghal eccezzjoni numru 7 fejn qed jinghad li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u konsegwentement fid-dritt, billi t-tfittxija li l-konvenut odjern ghamel fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista fil-lejl ta` bejn is-26 u s-27 ta` Novembru 1983 saret in esekuzzjoni tad-doveri tieghu ta` membru tal-Pulizija Esekuttiva, saret skond il-ligi u fil-limiti tal-poteri moghtija lilu u saret minnu bil-prudenza, diligenza

u attenzjoni kollha possibbli fic-cirkostanzi tal-kaz, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

Rat id-dikjarazzjoni w il-lista tax-xhieda tal-konvenut Bonello.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta` Dicembru 1983 li permezz tieghu gie mahtur l-AIC Richard Aquilina, a spejjez provizorjament ta` l-atturi, biex jirrelata dwar l-entita` tad-danni kagunati fid-Dar Centrali u l-Ufficcju Independence Co. Ltd.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku mahluf fl-udjenza tad-19 ta` Frar 1984.

Rat in-nota ta` Louis Galea nomine presentata fil-5 ta` Ottubru 1984 li permezz taghha ceda l-atti tal-kawza fuq indikata kemm il-darba din tirrigwarda lilu bhala rappresentant ta` Independence Co. Ltd. (Fol 80B)

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-30 ta` Gunju 1986 li permezz taghha cahdet l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat is-sentenza ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tat-8 ta` Marzu 1989 li permezz taghha l-appell interpost mill-konvenuti mis-sentenza fuq imsemmija, gie michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

Rat is-sentenza taghha tal-24 ta` April 1991 li permezz taghha din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mill-konvenuti u cahdet ukoll r-raba`, hames u sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal ta` l-udjenza tal-21 ta` Ottubru 1992 meta gie verbalizzat minn Dr Karmenu Mifsud Bonnici ghal konvenut Carmelo Bonello li z-zewg fatti premessi fic-citazzjoni ta` (a) l-izgassi li saru fil-fond de quo u (b) id-divjet ghad-dhul ta` l-Onor. Dr Galea ma humiex kontestati mill-konvenut Bonello.

Semghet lill-kontendeti w ix-xhieda minnhom prodotti.

Rat il-verbal ta` l-udjenza tat-30 ta` Mejju 1994 meta l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar u talbu li jinghataw l-fakolta` li jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet ta` l-atturi u tal-konvenut Paul Bond.

Rat id-diversi differimenti moghtija sabiex tigi presentata n-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut Bonello, liema nota qatt ma giet presentata u ghalhekk fl-udjenza tal-15 ta` Dicembru 1995 l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-4 ta` Marzu 1996.

Rat li ghalkemm l-prolazzjoni tas-sentenza giet sospiza fuq talba tal-konvenut Carmelo Bonello sabiex dan ikollu l-opportunita` jippresenta nota ta` osservazzjonijiet sas-26 ta` April 1996, dan xorta wahda baqa` ma ppresenta ebda nota.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi dawn il-proceduri gew istitwiti fis-sena 1983 meta, bhala rizultat ta` perkwizizzjoni li giet effettwata mill-pulizija fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista fil-lejl ta` bejn is-26 u 27 tax-xahar ta` Novembru ta` dik is-sena, kienet saret hafna hsara fl-istess stabbiliment mill-persuni li effettwaw l-istess ‘search’.

It-talba originarjament kienet saret sew mill-Partit Nazzjonalista kif ukoll mis-socjeta` Independence Co. Ltd. Izda din ta` l-ahhar b`nota ppresentata fil-5 ta` Ottubru 1984 minn Dr Louis Galea, cediet l-atti tal-kawza inkwantu t-talbiet jikkoncernaw lilha biss.

Il-persuni mharrka huma zewg ufficjali tal-Pulizija w cioe` l-ex Supretendent Carmelo Bonello, li dakinhar kien l-ghola ufficjal prezenti waqt is-search u kien responsabbli ghal dak li kien qed jigri fuq l-parti ta` gewwa tad-Dar Centrali, u l-Ispettur Paul Bond, li kien stazzjonat hdejn il-bieb principali tal-istess Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista u bl-inkarigu specifiku li jikkontrolla min jidhol fil-post fejn kien qed jsir is-search.

L-atturi qed jallegaw li l-konvenuti kienu responsabbli ghal dak li gara waqt il-perkwizzjoni ghar-ragunijiet segwenti:

Fil-konfront tas-Supretendent Bonello:-

a. Illi dan ma halliex jidhol fid-dar Centrali lil Dr Louis Galea, li dak iz0zmien kien Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, u b`hekk ma kienx hemm il-possibilita` ta` access liberu ghall-ufficini li kienu maqghluqa, u saret l-hsara permezz ta` sgass mhux gustifikat.
b. Illi l-hsara grat bhala rizultat ta` eccess ta` poter jew nuqqas ta` kontroll tan-nies li kellu tahtu.

Fil-konfront ta` l-Ispettur Paul Bond qed jigi allegat li dan ma ippermettiex lis-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista Dr Louis Galea jidhol fid-Dar Centrali u b`hekk kellu jsir l-isgass ta` diversi bibien bil-konsegwenti hsarat.

Il-konvenuti originarjament kienu resqu diversi eccezzjonijiet. Sitta minn dawn kienu preliminari u gew michuda permezz ta` sentenzi tat-30 ta` gunju 1986 u l-24 ta` April 1991, bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Dik ta` l-ewwel giet ukoll ikkonfermata b`sentenza tal-Onor. Qorti ta` l-Appell tat-8 ta` Marzu 1989. Ghalhekk illum kull ma fadal x`jigi indagat huwa l-mertu veru tal-kwistjoni. Dwar dan, il-konvenuti qed jressqu eccezzjonijiet separati, u kull wahda tirrifletti l-parti li ha waqt il-perkwizizzjoni kull wiehed minnhom.

Fil-verbal ta` l-udjenza tal-21 ta` Dicembru 1992, (fol 214) Dr Karmenu Mifsud Bonnici ghall-konvenut Bonello iddikjara li z-zewg fatti premessi fic-citazzjoni u cioe` (a) l-isgassi li saru fil-fond de quo u (b) id-divjet ghad-dhul ta` l-Onor. Dr Galea ma humiex kontestati izda dan qed jsostni li hu ma huwiex responsabbli ghal hsarat li gew kkagunati waqt il-perkwizizzjoni billi:

1. t-tfittxija saret in esekuzzjoni tad-doveri tieghu ta` membru tal-pulizija esekuttiva,
2. saret skond il-ligi, fil-limit tal-poteri moghtija lilu u
3. saret bil-prudenza, diligenza u attenzjoni kollha possibbli fic-cirkostanzi

Il-konvenut Bond filwaqt li xehed li huwa kien gie ordnat joqghod fuq barra tad-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista bl-ordni specifika li ma jhalli lill-hadd jidhol hlief lil Guido De Marco u Eddie Fenech Adami, qed isostni li ‘huwa la kkaguna u anqas kien responsabbli ghall-hsarat’.

Ikkunsidrat:-

Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat li l-atturi mhux qeghdin jikkontestaw d-dritt tal-Pulizija ezekuttiva li tezegwixxi perkwizizzjoni jew li l-perkwizizzjoni tal-lejl ta` bejn is-26 u s-27 ta` Novembru 1983 ma gietx ezegwita minn ufficjal jew in segwitu ghal suspett fondat ta` l-istess Korp tal-Pulizija li seta kien hemm reat kommess. Id-dritt ghal ‘search’ f`bini jew recint iehor ta` proprjeta` tac-cittadin jew enti ohra, hu moghti lill-pulizija sabiex din tkun tista` taqdi ahjar d-dmir taghha fl-investigazzjoni ta` reati li jkunu saru jew biex ma thallix li dawn isiru. L-artiklu 350 tal-Kodici Kriminali infatti jaghti espressament dan id-dritt ta` perkwizizzjoni lill-ufficjal bi grad ta` Spettur jew ta` grad ghola,

minghajr l-htiega ta` ordni bil-miktub minghand is-superjuri tieghu w f`kaz ta` ufficjal li ma jkollux tali grad, wara ordni bil-miktub ta` ufficjal superjuri.

Matul il-perkwizizzjoni l-ufficjal tal-pulizija ezekuttiva ghandu wkoll, skond l-artiklu 351 tal-Kodici Kriminali, s-setgha li, wara li jidhol f`bini, dar jew recint imsemmija fl-artikolu precedenti, jiftah jew jitfa gewwa bibien jew twieqi, jekk, wara li jkun ta` avviz tad-dmirijiet tieghu u tar-raguni li ghaliha jkun mar hemm, ma jkunx jista` jidhol xort`ohra.

Id-dritt tal-konvenuti li jezegwixxu din il-perkwizizzjoni in ezekuzzjoni tad-doveri taghhom jidher li hu sancit mill-artikolu fuq imsemmi billi l-konvenut Bonello kellu l-grad ta` Supretendent filwaqt li l-konvenut Bond kellu l-grad ta` Spettur u inoltre dawn xehdu, w f`din ic-cirkostanza mhux kontestati, li l-ordni biex jezegwixxu s-'search' kienet gejja direttament mill-Kummissarju tal-Pulizija billi kien hemm suspett li set gie kommess reat.

Il-kwistjoni kollha ghalhekk tirrizolvi ruhha dwar jekk, waqt il-perkwizizzjoni, l-istess zewg konvenuti naqsux mill-obbligu taghhom bhala ufficjali tal-Korp tal-Pulizija afdati biz-zamma ta` l-ordni u l-kwiet pubbliku u bl-obbligu li ma jhallux li jsiru reati, u fil-kaz tal-konvenut Bonello jekk dan eccediex l-poteri tieghu billi ghamel uzaw mid-dritt ta` sgass li taghtih l-ligi bl-artikolu 351 tal-Kodici Kriminali, meta dan ma kienx mehtieg. F`kaz li jirrizulta li l-konvenuti naqsu mid-doveri taghhom, irid jigi wkoll stabbilit in ness bejn dan in-nuqqas taghhom u d-danni ikkagunati fil-proprjeta` ta` l-atturi nomine.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-konvenut Bonello, li kien l-ghola ufficjali nkarigat waqt it-tfittxija fil-fond fuq imsemmi, jirrizulta li l-perkwizizzjoni kienet giet ordnata peress li kieh\n hemm suspett li fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista kien hemm l-hekk imsejja 'Cordless Telephones'. Dan l-apparat li llum huwa maghruf bhala 'cellular phone' u hu komunament uzat minn parti kbira tal-popolazzjoni ta` Malta, kien intiz ghal 'emissjoni jew ricezzjoni' ta` messaggi minghajr l-htiega ta` l-uzu ta` fili.

Skond l-artikolu 3 tal-Kap 49 tal-Ligijiet ta` Malta, kif kien fl-1983, ix-xiri, bejgh jew kontroll effettiv ta` tali apparat kien projbit jekk mhux wara li tinthareg licenzja tal-Ministru responsabbli ghat-telegrafija minghajr fili jew tal-Kummissarju tal-Pulizija skond il-kaz. L-istess artikolu jiddisponi li 'kull min ikollu ghandu jew taht il-kontroll tieghu dan l-apparat, <u>bil-licenzja jew minghajr licenzja tal-Ministru responsabbli ghat-telegrafija minghajr fili jew kif dan</u>

ordna; u kull min jikser id-dispozizzjoni ta` dan l-artikolu jsir hati ta` reat kontra din it-Taqsima ta` din l-Ordinanza'

L-artikolu 6 ta` l-istess Ordinanza jippreskrivi piena konsistenti f`multa ta` mhux izjed minn hamsin lira f`kaz ta` l-ewwel kundanna, li ghandha tigi inflitta f`kaz li persuna tinstab hatja ta` reat skond l-artikolu 3 fuq citat.

Id-dritt ta` perkwizizzjoni skond l-artikolu 350 tal-Kodici Kriminali huwa marbut intimament ma dak li jipprovdi l-artikolu 347 ta` l-istess Kodici. Dan l-artikolu jippreskrivi li 'Il-pulizija ezekuttiva ghandha s-setgha li tarresta kull persuna li tkun ghamlet jew li jkun hemm suspett li ghamlet delitt li ghalih hemm il-piena ta` prigunerija, minbarra d-delitti punibbli that l-Att tan-1974 ta` l-Istampa. Jsegwi li d-dritt ta` arrest huwa moghti biss f`kaz ta` reat kommess jew suspett ta` kommissjoni ta` reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija. Issa l-artikolu 350 jaghti, lill-pulizija ezekuttiva, d-dritt ta` perkwizizzjoni kemm il-darba r-reat ma jkunx eccetwat that l-artikolu 347 jew jkun mehtieg ghal esekuzzjoni ta` mandat jew ta` ordnijiet mahruga minn awtorita` kompetenti fil-kazijiet stabbiliti fil-ligi.

Billi l-pussess ta` 'cordless telephone' jattira piena konsistenti f`multa ta` mhux aktar minn Lm50, jista` jinghad li 'stricto jure' l-perwizizzjoni li saret bejn is-26 u 27 ta` Novembru 1983 fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista, kienet wahda illegali u mhux permessibbli skond l-artikolu 350 tal-Kap.9. Dan pero` mhux qed jigi allegat u qed jigi rilevat biss bhala retroxena ghal dak li gara dak il-lejl ta` Novembru 1983.

Li l-sikuza tal-pulizija ezekuttiva sabiex tesegwixxi perkwizizzjoni keient ghalhekk wahda dghajfa jekk mhux sahansitra illegali – l-ksur ta` ligi dwar xandir jew ricezzjoni ta` messaggi telegrafici minghajr fili. Izda biex giet effetwata din il-perkiwizizzjoni inhasset il-htiega li d-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista titqieghed taht forma ta` assedju. Kien hemm kwantita` kbira ta` pulizija mxerrdin mat-toroq, hafna minnhom armati b`machine guns u armi ohra, li kienu qeghdin jimpedixxu l-access, anke ghal membri tal-Kumitat Ezekuttiv ta` l-istess Partit Nazzjonalista, ghall-istess Dar Centrali. Fuq gewwa kien hemm ukoll kwantita` ezagerata ta` 'ufficjali' tal-pulizija, min bl-uniformi u min pajzan. Il-mistoqsijsa tigi wahedha – biex jinstab semplici telefon kien hemm bzonn ta` tant sigurta` u tant hela ta` rizorsi umani u tant telf ta` hin. Jigi osservat l s-search damet minn xi nofs il-lejl neqsin kwart tas-26 sa xi s-sitta ta` filghodu ta` l-ghada.

Huwa minnu li waqt is-search instabu u gew elevati effetti ohra u cioe` zewg snieter bil-kanna maqtugha, skratacc, apparat

elettroniku allegatament mhux licenzjat, xi acidu u bricks, dawn ta` l-ahhar fuq il-bejt. Pero` ghandu jinghad li dawn ma kienux r-raguni principali tal-perkwizizzjoni w instabu biss accidentalment. Inoltre ma jirrizultax li dawn l-effetti kienu l-oggetti ta` reat, billi ma treqet ebda prova li bhala rizultat tas-sejba taghhom ittiehdu xi proceduri quddiem l-Qorti Kriminali. Ghalhekk ir-risposta ghal mistoqsija maghmula aktar il-fuq hija wahda incerta u l-Qorti thalliha ghal immaginazzjoni ta` kull cittadin biex jasal ghal konkluzzjoni tieghu.

Dan premess, issa rridu naghtu harsa lejn dak li gara waqt it-tfittxija sabiex jigi stabbilit jekk tistax tigi akkolata responsabbilta` personali o meno fil-konvenuti ghad-dani sofferti mill-atturi nomine.

Gie stabbilit li gha habta tal-11.30pm tal-lejl tas-26 ta` Novembru 1983 numru kbir ta` pulizija immexxija minn Carmelo Bonello marret fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista sabiex hemm teffettwa perkwizizzjoni kif ordnati mill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-post kien maghluq u ghalhekk l-Ispettur Stubbings, flimkien ma xi ufficjali ohra, fuq ordni tal-Kummissarju tal-Pulizija, marru biex igibu lil Gaetano Cuschieri mid-dar tieghu. Cuschieri, dak iz-zmien, kien Head of Security fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista. Meta marru d-dar tieghu hu kien ghadu kemm irritorna d-dar minn tieg u meta gie mitlub mill-pulizija rega` libes u mar maghhom, bl-idea li kien ser jittiehed d-depot. Hu ma ha ebda cwievet mieghu, inkluzi dawk ta` fejn jahdem cioe` id-Dar Centrali. Cuschieri informa b`dan il-fatt lill-ufficjali tal-pulizija u qallhom li ma setax jiftah il-bieb, izda meta wasal fuq il-post cempel il-bieb u, wara li gharraf lil tas-security bl-identita` tieghu, fethulu u dahlu l-pulizija.

Il-pulizija infurmaw lil Cuschieri li kien ser jigi effetwat ‘search’ u dan rega` qalilhom li ma setax jifthilhom billi ma kellux cwievet, ghalhekk talabhom biex jhalluh jcempel lis-Segretarju Generali tal-Partit Dr Louis Galea sew biex dan jigi jifthilhom sew peress li hu, bhala Segretarju Generali, kien il-persuna responsabbli ghal dak li jigri gewwa l-istess Dar Centrali.

Jirrizulta li saret din it-telefonata lil Dr Louis Galea u dan ussegwentement irnexxielu jmur hdejn id-Dar Centrali tal-Parit Nazzjonalista izda ma thalliex jidhol ghalkemm insista diversi drabi mal-konvenut Bond li sahansitra keskes il-klieb tal-pulizija ghalih u kien bl-intervent ta` Dr Ugo Mifsud Bonnici, illum President tar-Repubblika, li l-affarijiet ikklamaw.

Il-konvenut Bonello ma qaghadx jistenns lil Dr Galea jasal u ordna li jinbeda s-search minnufih. Cuschieri gie mistoqsi beix

jfitah xi bibien izda meta dan irrisponda li ma kellux cwievet sar l-isgass ta` diversi bibien u katnazzi u c-cirka mitt ruh li kienu dahlu fil-Headquarters tal-Partit Nazzjonalista infirxu mal-bini kollu u bdew jeffettwaw l-perkwizizzjoni. Matul it-tfixxija waslu Dr Guido De Marco u Dr Eddie Fenech Adami u dawn ipprotestaw mal-konvenut Bonello, dwar il-hsara li kienet qed issir u attirawlu l-attenzjoni li kikeu jithalla jidhol Dr Galea, li dak il-hin kien barra, setghu jinfethu l-bibien malajr u ma ssir hsara. Dan irrifjuta u f`certu mument anke indahal l-konvenut Bond li heggu biex ikompli bix-xoghol li kienu gew inkarigat jaghmlu w ma jahlix hin. Waqt il-perkwizizzjoni kien jistema` hoss ta` tkissir u giri minn sular ghal iehor bil-pulizij li kienu fuq gew apparentment bla kontroll. Wara li spiccat din it-tfittxija u kif jirrizulta ahajar mir-rapport tal-espert tekniku l-AIC Richard Aquilina, imqabbad appositament mill-Qorti fuq talba ta` l-atturi, kien hemm hsarat f`diversi aperturi u effetti ohra tal-fond soggett ghal perkwizizzjoni fl-ammont ta` Lm1022.

Ikkunsidrat;

Kif gia inghad aktar il-fuq l-pulizizja esekuttiva ghandha d-dritt, skond l-artikolu 351 tal-Kap 9 li, matul ‘search’, tisgassa dawk il-bibien fejn ma tkunx tista` tidhol xort`ohra. Dan id-dritt izda ghandu jigi ezercitat wara l-ufficjal jkun ta avviz tad-dmirijiet tieghu u r-raguni li ghaliha jkun mar hemm u kemm il-darba l-access jkun impossibbli xort`ohra.

Id-dritt ta` l-ufficjal u, senjatament l-poteri tieghu skond il-ligi that l-artikoli 350 u 351 tal-Kap 9, ghandhom dejjem jigu ezercitati entro l-paramteri tal-ligi u l-prudenza rikjesta fic-cirkostanzi. Dan aktar u aktar meta r-reat li qed jigi nvestigat jkun tanta insinifikanti li ma johloq ebda perikolu ghal ordni w paci pubblika li l-pulizija huma fdati bis-salvagwardja tghha.

Il-Qorti mhux qed tigi mitluba tindaga l-validita` ta` l-indagini maghmula jew tfittxija ezegwita mill-pulizija ezekuttiva, izda huwa difficli li taccetta li perkwizizzjoni bl-ghan ewlieni ta` sejbin ta`’cordless telephones’ fil-pussess tas-susspettati, reat li fih innifsu kien jattira multa massima ta` Lm50, kien jehtieg l-istazzjonar ta` tant membri tal-korp madwar d-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista u l-introduzzjoni ta` tant membri ohra tal-Korp fl-istess fond. Lanqas ma kien mehtieg li tintuza l-forza konsistenti fi sgass ta` diversi bibien tal-fond perkwizizzjonat u dana billi:-

a. l-persuna li setghet tiftah l-bibien kienet accessibbli u disponibbli ghal ordnijiet ta` l-ufficjali nkarigati mill-perkwizizzjoni.

b. Kwalunkwe dewmien fl-ezekuzzjoni tas-search minhabba li l-pulizija jistennew sakemm jingiebu c-cwievet jew minn Cuschieri jew minn Dr Galea, ma kienx ser jipproduci xi effett negattiv u kontra l-interessi tal-gustizzja jew paci pubblika.

Wara kollox l-principju tad-diskrezzjoni tal-'bonus pater familia' huwa applikabbli unversalment bhala mizura bazi ta` diligenza u prudenza fl-agir ta kull persuna responsabbli u fl-uzu tad-diskrezzjoni moghtija mil-ligi. 'Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja'. (Art. 1032 Kap 16).

Il-fatt li l-persuni li qed jezegwixxu d-dmirijiet taghhom huma moghtija diskrezzjoni addizzjonali bhal ma hi dik ta` l-isgass, ma tezonerahomx mill-obbligu ta` prudenza u attenzjoni fil-qadi ta` dmirijiet taghhom. Anzi, bhala membri tal-korp tal-pulizija, timponi oneru akbar fuqhom li jagixxu b`mod accettabli f`pajiz demokratiku.

Mix-xhieda prodotta jirrizulta li Dr Louis Galea, gia Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, kien presneti fuq barra waqt li gewwa kien qed jigi effettwat is-search. Dan gie mizmum milli jidhol sew mill-konvenut Bond, billi dan kellu ordni li jhalli biss jidhlu l-konvenut l-Onor E. Fenech Adami u l-Onor. Dr Guido De Marco, kif ukoll mill-konvenut Bonello li rrifjuta li jhalli lil Dr Louis Galea ghalkemm gie rripetutament mitlub li jaghmel hekk.

Issa Dr Louis Galea kien, fid-data tal-perkwizizzjoni, l-persuna responsabbli. Bhala Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista Dr Galea kien tenut jirrispondi ghal 'kull reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f`xi att' u dan a termini tal-artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Ligijiet ta` Malta (Att dwar l-Interpretazzjoni). Ghalhekk il-konvenuti kienu skorretti meta ezegwew l-perkwizizzjoni fl-assenza tieghu u meta rrifjutawlu l-access ghal fond fejn kienet qed issir t-tfittxija li, fl-ahhar minn l-ahhar, setghet waslet ghal proceduri kriminali kontra tieghu.

Illi apparti dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-konvenut Bonello li, waqt is-'search', suppost kellu l-kontroll effettiv tal-membri tal-pulizija li dahlu fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalist, wera` nuqqas ta` attenzjoni kbira meta dan ippermetta lill-istess ufficjali jikkawzaw danni mhux gustifikati fil-proprjeta` ta` l-atturi nomine. Da qed jinghad billi, kif jidher mir-rapport ta` l-AIC Richard Aquilina, l-hsara li saret fid-Dar Centrali tal-Partit Nazjzonalista, ma kienetx limitata ghal dik kawzata mill-isgass ta` diversi bibien ta` l-istess fond, izda giet ikkawzata hsara wkoll f`diversi oggetti

li, la kienu konnessi mas-search, u lanqas ma kellhom bzonn jinfethu sabiex tigi ezegwita l-ordni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti hi tal-fehma li z-zewg konvenuti kienu responsabbi ghad-danni sofferti mill-aturi nomine ghalkemm mhux fi proprzjonijiet ugwali. Infatti l-konvenut Bonello ghandu jigi ritenut responsabbli fi grad ghola billi mhux biss naqas li jippermetti l-access lis-Segretarju Generali tal-Partit u b`hekk saru l-isgassi mhux gustifikati, izda wkoll naqas li jikkontrolla, bhala ma kienx obbligat li jaghmel, l-persuni li kienu taht id-direzzjoni tieghu. Il-konvenut Bond ukoll huwa responsabbli, ghalkemm ta` grad inferjuri, billi ma ppermettiex lis-Segretarju Generali li jidhol fil-fond meta kien jaf jew kien messu kien jaf li dan, bhala l-persuna responsabbli di fronti ghal-ligi, kellu kull dritt jkun presenti u li bil-presenza tieghu seta` jevita` li ssir dik il-hsara kollha. Fir-rigward tal-konvenut Bond mhux skuzanti l-argument li hu kien qed jagixxi taht ‘superior orders’. Il-posizzjoni tieghu ta` ‘senior officer’ fil-korp tal-pulizija kienet timponi fuquq l-obbligu li jkun konxju tad-dmirijiet tieghu u li jagixxi entro dak li tippreskrivi l-ligi. Ir-responsabbilta` ghad-danni sofferti mill-atturi nomine ghalhekk qed tigi apporzjonata kwantu ghal zewg terzi fuq il-konvenut Bonello u terzfuq il-konvenut Bond.

Ikkunsidrat:-

Illi dwar id-danni reklamati hemm ir-rapport ta` l-AIC Richard Aquilina li gie mahluf fid-19 ta` Frar 1984 u li jindika dannu fl-ammont ta` Lm1022. Dwar din il-likwidazjzoni ma saret ebda oggezzjoni la minn naha ta` l-atturi u lanqas mill-konvenuti u billi wkoll tidher gustifikata, qed tigi accettata minn din il-Qorti li konsegwentement qedha tillikwida d-danni sofferti mill-atturi nomien u cioe` l-Partit Nazsjonalista, fis-somma komplessiva ta` elf u tnejn u ghoxrin lira Maltin.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaq li tichad is-sebgha eccezzjoni tal-konvenuti Bonello u Bond, tiddikjara li d-danni sofferti fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista fis-search li sar fil-lejl ta` bejn is-26 u s-27 ta` Novembru 1983 gew kawzati tort u htija ta`l-istess konvenuti fi proporzjon ta` zewg terzi l-konvenut Carmelo Bonello u terz il-konvenut Spettur Paul Bond, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta` elf u tenjn u ghoxrin lira Maltin (Lm1022) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi nomine s-somma ta` sitt mija wiehed u tmenin lira Maltin tlieta u tletin centezmu (Lm681.33) u lill-konvenut Spettur Paul Bond jhallas lill-atturi nomine s-somma ta` tlett mija u erbghin lira Maltin sebgha u sittin centezmu (Lm340.67).

> Dwar il-hlas ta` l-imghaxijiet fuq l-imsemmija somom din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha billli ma saret ebda talba fir-rigward.
>
> L-ispejjez kollha, hlief ghal dawk gia decizi, ghadhom jigu sopportati mill-konvenuti Carmelo Bonello u Paul Bond fil-proporzjonijiet fuq indikati, b`dana li l-ispejjez relattivi ghat-talba ta` l-Independence Co. Ltd. Ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta` inkwantu din cediet l-kawza minghajr ebda riserva.

Minn din is-sentenza z-zewg konvenuti Bonello u Bond hassewhom aggravati u permezz ta` rikorsi pprezentati rispettivament fil-15 u 22 ta` Mejju 1996 interponew Appell quddiem din il-Qorti. Ghal dawn ir-rikorsi saret ir-risposta ta` l-atturi appellati fit-28 ta` Mejju 1996 fejn talbu, ghar-ragunijiet hemm moghtija li l-Appell kellu jigi michud. Il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza quddiem din il-Qorti kif diversament komposta, pero` fis-seduta tal-25 ta` Frar 2002 tnejn mid-difensuri tal-partijiet talbu l-fakolta`, lilhom koncessa, biex jitrattaw l-Appell mill-gdid quddiem din il-Qorti kif issa prezentement komposta. Din it-trattazzjoni saret fis-seduta tal-15 ta` Marzu 2002 u l-kawza giet differita ghas-sentenza liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat;

Illi hemm diversi punti ta` fatt li, almenu fl-istadju ta` l-Appell, ma gewx ulterjorment ikkontestati u ghalhekk ikun inutli ghal din il-Qorti milli taghmel aktar minn accenn hafna qasir ghalihom. Bejn il-lejl tas-26 u s-27 ta` Novembru 1983 saret perkwizizzjoni fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista minn numru kbir ta` membri tal-Pulizija Ezekuttiva (uhud

pajzana) meghjunin minn membri tal-Forzi Armati. Il-konvenut Bonello, dak iz-zmien Supretendent fl-istess Korp tal-Pulizija, kien l-aktar ufficjal gholi prezenti u kien gie inkarigat personalment mill-Kummissarju tal-Pulizija ta` dak iz-zmien, Lawrence Pullicino, biex imexxi din il-perkwizizzjoni. Jinghad minn issa illi minkejja li l-inkarigu specifiku u partikolari ta` Bonello jidher li kellu jkun aktar fuq in-naha ta` gewwa tad-Dar Centrali huwa kien l-aktar ufficjal gholi fuq il-post, peress illi ma rrizultax mill-provi illi, kif f`xi okkazzjoni allegat, kien hemm ukoll prezenti l-Assistant Kummissarju Mifsud Tommasi.

F`din il-perkwizizzjoni lanqas huwa ikkkontestat illi saret hsara konsiderevoli konsistenti principalment fi zgass li sar ta` diversi bibien u ghamara ohra u dan apparti minn hsara ohra li saret f`dan il-fond. Dawn il-fatti jirrizultaw mix-xhieda prodotti mill-atturi, mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina u wiehed jista` jghid huma ukoll ammessi mill-konvenuti, partikolarment mill-konvenut Bonello, sew bid-dikjarazzjoni li saret minnu fis-seduta tal-21 t`Ottubru 1992 quddiem l-ewwel Qorti (fol 214 tal-process) sew fit-trattazzjoni bil-miktub u orali li saru quddiem din il-Qorti. L-atturi isostnu li din il-hsara setghet facilment tigi evitata billi:

(i) fir-rigward ta` l-isgass il-pulizija stenniet li jasal is-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista Dr Louis Galea li kellu c-cwievet kollha tal-post u li, malli wasal, thalla jidhol;

(ii) fir-rigward tal-hsarat l-ohra kieku l-konvenut Bonello ikkontrolla n-nies taht il-kmand tieghu b`mod li ma thallewx jaghmlu din il-

hsara l-ohra li zgur ma kenitx necessarja ghal fini tal-perkwizizzjoni.

Da parti tieghu Bonello isostni li ma setax jikkontrolla dawk il-pulizija kollha waqt is-'search' u li, da parti tieghu, ma kienx hu li mpedixxa lil Louis Galea milli jidhol fil-post u lanqas ma ta ordni f`dan is-sens u jsostni dan minkejja illi, tramite d-difensur tieghu, fl-istess seduta tal-21 t`Ottubru 1992 fil-Prim`Istanza kien ukoll iddikjara illi:
*"id-divjet ghad-dhul ta` l-Onor Dottor Galea mhux ikkontestat mill-konvenut Bonello".* Jiswa li f`dan l-istadju jigi ccarat li minkejja xi dubji li esprimiet il-Prim`Awla fis-sentenza u, nonostante xi osservazzjonijiet maghmula mill-atturi fin-nota taghhom ukoll quddiem il-Prim`Istanza, il-legalita` tal-perkwizizzjoni 'per se' mhix qed tigi kkontestata. Il-premessi citattivi attrici invece, in kwantu diretti kontra l-konvenut Bonello huma ibbazati jigi, sa certu punt ripetut, fuq il-fatt li ripetutament irrifjuta li jhalli lil Louis Galea jidhol fil-fond meta dan seta` jissupplixxi c-cwievet ta` kullimkien u li ecceda l-poteri moghtija lilu bil-ligi u/jew naqas milli jikkontrolla n-nies taht l-ordni tieghu.

Ikkunsidrat;

Min-naha l-ohra l-konvenut Spettur Bond kien l-ufficjal inkarigat min-naha ta` barra tad-Dar Centrali. Strettament ghalhekk ma kienx involut direttament fis-'search' li kien qed isir. L-istruzzjonijiet tieghu jidher li

inghatawlu mill-Assistent Kummissarju Mifsud Tommasi li kien pero` qed jagixxi fuq ordni tal-Kummissarju. Dawn kienu jikkonsistu billi dan Bond ma kellu jhalli lil hadd jidhol hlief lil Onor Eddie Fenech Adami u Guido De Marco (illum l-Eccellenza Tieghu l-President tar-Repubblika). Huwa allegat pero` ukoll fil-konfront ta` dan il-konvenut illi abbuza mill-poteri tieghu meta inpedixxa lil Louis Galea milli jidhol minkejja li gie mitlub jivverifika mal-Kummissarju tal-Pulizija u li minflok ghamel hekk assuma personalment ir-responsabbilta` ta` din l-ordni. Din l-ahhar allegazzjoni ghandha certa sinifikat fir-rigward tar-responsabbilta` tal-konvenut Bond peress illi, fin-nuqqas ta` prova fir-rigward taghha, kulma jidher li ghamel l-istess konvenut kien li obda l-ordni li inghatatlu minghajr ma jkun effettivament ecceda din l-ordni u dan apparti minn xi osservazzjonijiet li din il-Qorti sejra taghmel aktar tard f`din is-sentenza in kwantu ghal kuncett ta` Ordnijiet Superjuri fil-parametri legali ta` dan il-kuncett. Kif inghad ma jidhirx li l-konvenut Bond kien direttament involut fis-‘search’ in kwistjoni almenu fuq in-naha ta` gewwa fejn saret il-hsara u l-partecipazzjoni tieghu kienet biss fuq in-naha ta` barra. Dan nonostante il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi dak li xehed l-Onor. Eddie Fenech Adami quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-21 t`Ottubru 1992 fir-rigward ta` dan il-konvenut ma gie qatt, b`mod konkret, ribattut. *“L-Ispettur Bond gie fuq is-Supretendent Bonello u qallu ‘Sir, qed titlef hafna hin. M`ghandekx ghalfejn toqghod tpacpac dan it-tpacpic kollu. Kompli bix-xoghol li gejna biex naghmlu’”.*

Ikkunsidrat;

Illi kif ghamlet l-ewwel Qorti korrettement l-ewwel provvedimenti tal-ligi li kellhom jigu ezaminati kienu l-artikoli 350 u 351 tal-Kodici Kriminali, kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta partikolarment l-artiklu 351 ta` dan il-Kodici li jipprovdi *"fil-kazijiet li fihom ufficcjal tal-Pulizija Ezekuttiva ghandu s-setgha li jidhol fil-postijiet imsemmija fl-ahhar artiklu qabel dan, huwa jista` jiftah jew jitfa` gewwa bibien jew twieqi, jekk, wara li jkun ta avviz ta` drittijiet tieghu u ta r-raguni li ghaliha jkun mar hemm, ma jkunx jista` jidhol xorta ohra".* Huwa ovvju illi jekk jirrizulta li l-istess ufficjal setgha jidhol xort`ohra u dan m`ghamlux allura jigi li jkun ecceda d-dmirijiet tieghu taht dan l-artiklu u jigi <u>personalment,</u> civilment responsabbli ghad-danni li jkunu gew ikkagunati b`rizultat ta` dan l-eccess. Dan in kwantu ghall-isgass peress illi fir-rigward tad-danni l-ohra dan ma jistghu qatt ikunu komprizi bid-dicitura ta` l-istess artiklu 351 fuq kwotat. Wahda mid-difizi mressqa miz-zewg konvenuti hija dik li huma kienu qed jobdu ordni tas-superjuri taghhom u ma setghux ma jobdux din l-ordni. Din it-teorija, kif intqal, sejjer ukoll isir accenn ghaliha minn din il-Qorti aktar tard f`din is-sentenza partikolarment tal-mod kif giet interpretata fil-gurisprudenza taghna. Filwaqt pero` li huwa ppruvat mill-Ispettur Bond li inghata ordni biex ma jhalli lil hadd jidhol hlief ghall-avukati Fenech Adami u De Marco, bl-ebda mod ma` irrizulta ordni biex jigu sgassati u biex issir il-hsara l-ohra nonostante illi l-konvenut Bonello isostni illi f`xi mod inghata l-ordni li jisgassa jekk il-

bibien ma jinfethux. Il-konvenut Bonello isostni li kien kontinwament f`kuntatt mad-Depot tal-Pulizija, u dan jirrizulta anke minn xhieda ohra, pero` ma irrizultatx din l-ordni specifika li certament l-ahjar prova taghha kienet tkun ix-xhieda tas-superjur li effettivament ta din l-ordni liema xhieda ma ingabietx.

Ikkunsidrat;

Illi li jrid allura jigi stabbilit, kif intqal, huwa jekk il-konvenuti fil-hsara li saret kienux qed jaghmlu *"uzu ta` jedd ….. fil-qies li jmiss"* ghax, jekk huwa hekk, kif isostnu l-istess konvenuti, skond l-artiklu 1030 tal-Kodici Civili huma m`ghandhomx iwiegbu ghal din il-hsara. Izda dan l-artiklu irid jinqara flimkien ma` l-artikoli 1031 u 1032 ta` l-istess kodici. L-artiklu 1031 jipprovdi izda illi wiegeb ghal hsara kull wiehed li tigri bil-htija tieghu, filwaqt illi s-sub artiklu 1 ta` l-artiklu 1032 jispjega illi *"jitqies fi htijakull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-dilegenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja "*. Ta` relevanza ukoll f`din il-kawza partikolarment fil-kaz tal-konvenut Bond huwa dak li jipprovdi ukoll l-artiklu 1033 ta` l-istess Kodici, tenut kont tal-fatt li hawn si tratta ta` hsara allegatament maghmula minn ufficjali tal-pulizija li d-dmir taghhom impost mil-ligi huwa, jew ghandu jkun, sinonimu ma assigurazzjon li hsara tigi evitata u mhux ikkawzata. Jiswa` ghalhekk li dan l-artiklu jigi kwotat fl-intier tieghu *"Kull min, bi hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b`nuqqas ta` diligenza, ta`*

*prudenza jew nuqqas ta` hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi u obbligat ghal hlas tal-hsara li tigri minhabba f`hekk"*

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda moghtija ta` l-Onor. Eddie Fenech Adami moghtija, kif intqal, quddiem l-ewwel Qorti fil-21 t`Ottubru 1992, jirrizulta li kien Bonello li ta l-ordni biex isir l-isgass (ara pagna 7 tax-xhieda a fol 222 tal-process) filwaqt illi huwa ma isemmix li din l-ordni inghatat ukoll mill-konvenut Bond minkejja illi jirrepeti fl-istess parti tax-xhieda li Bond kien parti mis-'search party' u sostna fuq il-bzonn li ma jintilifx hin u li l-pulizija tkompli bl-operazzjoni. Fir-rigward ta` l-ordni ta` Bonello, skond ix-xhud din inghatat minkejja il-protest ta` Dr Eddie Fenech Adami *"jiena nerga` nghid, insistejt diversi drabi li ma kienx hemm bzonn li jigu sfurzati l-bibien",* u aktar tard f`din ix-xhieda *"zgur li s-Supretendent Bonello ghal protesti tieghi ordna diversi drabi biex jisgassaw il-bibien ……".* Isostni ukoll l-istess xhud li quddiemu Gejtu Cuschieri, il-Head of Security fil-Kwartieri tad-Dar Centrali, insista kemm il-darba li kellu jidhol Louis Galea u li pero` *"l-Ispettur Bonello ta ordni biex ma jidholx".* Dawn il-fatti huma ilkoll ikkonfermati mix-xhieda moghtija mill-Professur De Marco (20 ta` Novembru 1992) li wara li jiddeskrivi kif sar is-'search' jghid *"saret billi kissru kullimkien, bil-bieb, filing cabinets, kollox",* jghid illi saru rapprezentazzjonijiet mal-konvenut Bonello diversi drabi biex it-

tfittxija tiehu forma ohra *"saret ripetittivament mhux darba, ripetittivament ghidnilhom, ma hemm`x ghalfejn tkissru, tkomplux tkissru. Hemm Dr Louis Galea qieghed jistenna barra biex ikun jista` bic-cwievet, igib ic-cwievet u jara x`hemm bzonn isir".*

Effettivament il-konvenut Bonello fix-xhieda tieghu filwaqt li jaccetta li sar sgass u li kien hu l-ghola ufficjal prezenti jistqarr ukoll illi l-istruzzjonijiet tieghu kienu li jisgassa fejn ikun talab li jidhol u fejn ma jkunux hallewh jidhol *"gejt ukoll moghti l-istruzzjonijiet illi kull fejn ikun maghluq cioe` fil-Headquarters tal-Partit Nazzjonalista nitlob li jifthuli u fejn ma jifthuliex jiena kont awtorizzat li nisgassa"*. Huwa pero` kien jaf li kien hemm Louis Galea barra ghax kien anke halla lil Cuschieri jcempillu biex Galea ikun jista` jigi. Ix-xhieda l-ohra mressqa mill-konvenut Bonello in sostenn tat-tesi tieghu mhix vero simili u kredibbli. Bonello stess jaccetta li gie infurmat li Dr Louis Galea kien barra minn Dr Fenech Adami u Dr De Marco pero` sostna li hu ma kienx zammu milli jidhol. Mill-banda l-ohra x-xhud tieghu in difiza Noel Schembri da parti tieghu jghid *"jiena kif ghidt kont il-hin kollu mas-Supretendent Carmelo Bonello u nista` nghid illi f`ebda hin Dr Fenech Adami jew Dr Guido De Marco ma qalu lis-Supretendent Carmelo Bonello li hemm Louis Galea barra u li kellu c-cwievet jista` jiftah il-postijiet".* L-istess ix-xhud in difeza Stubbings ukoll jghid li kien mal-konvenut Bonello il-hin kollu u li mar mieghu fil-postijiet fejn sar is-'search', sia fuq u sia isfel,

pero` isostni li ma sar ebda tkissir hlief ghall-isgass tal-bibien. Din ix-xhieda hija manifestament innegata mill-provi l-ohra prodotti.

Ikkunsidrat;

L-istess konvenut Bonello bhala punt iehor mill-ilment tieghu kontra s-sentenza appellata jsostni illi almenu in kwantu jirrigwarda l-hsara kkagunata mill-isgass, li din il-hsara kienet ‘self inflicted’. Gaetano Cuschieri kellu c-cwievet kollha. Seta` facilment li jevita` li ssir din il-hsara billi kkonsejna dawn ic-cwievet lil pulizija u mhux baqa` jinsisti ghal prezenza ta` Louis Galea. Apparti mill-fatt illi jirrizulta mix-xhieda ta` Dr Galea illi Cushcieri ma kellux ic-cwievet kollha u kien hemm infatti diversi cwievet li ma kellux kopja taghhom, l-istess Cuschieri fl-istess xhieda tieghu jispjega l`ghala dak minnu mitlub ma setax jaghmlu u lanqas jidher illi nghata l-inqas cans biex dan fil-fatt jaghmlu *“meta dhalna l-gewwa mill-grada s-Sur Bonello talabni biex niftah l-ufficini, jien ghidtlu li ma kellix cwievet u kellu jikkomunika ma Dr Louis Galea li kien Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista dak iz-zminijiet. Waqt li kont qed nargumenta hemmhekk ma xi nies smajt lis-Superintendent Bonello jaghti ordni biex tinfetah il-grada li kienet taghti ghall-basement fejn hemm l-istamperija propja. Jien imbaghad rajt lil xi hadd li kellu crow bar f`idejh u rajtu jilleva l-kancell b`din il-crow bar u fil-fatt fetah u n-nies nizlu isfel”,* u aktar fix-xhieda minnu moghtija fit-8 t`April 1992 *“naqbel li fil-locker tieghi kelli cwievet tal-ufficini kollha. Pero` ghandi*

*nghid li jiena la kelli c-cwievet biex nidhol go l-istamperija u lanqas biex nidhol go l-ufficcju tieghi stess biex inkun nista` ingib c-cwievet l-ohrajn. Ma tawnix c-chance li ngib dawn ic-cwievet meta haduni mid-dar. Fuqi ma kelli xejn anqas ma kelli maktur"*; u finalment fl-istess xhieda *"jiena ma kellix cwievet mieghi f`dik l-okkazzjoni peress li kif kont dhalt id-dar kont nehhejt kollox mill-bwiet, u meta gew il-pulizija ma nformawnix fejn kont sejjer, u jien hsibt li kont sejjer l-ghassa".*

Ikkunsidrat;

Mill-fatti fuq esposti li verament kienu diga`, fil-maggior`parti taghhom, gew ezaminati mill-ewwel Qorti, din il-Qorti m`ghandha l-ebda dubju illi l-konvenut Bonello bhala l-ghola ufficjal inkarigat mis-'search' imsemmija ecceda l-poteri lilu moghtija mil-ligi, ta ordnijiet in eccess ta` dawn il-poteri, naqas milli juza ddiligenza ta` bonus pater familias fil-perkwizizzjoni in kwistjoni u ghalhekk gustament, kif del resto riteniet l-ewwel Qorti, ghandu jkun tenut principalment responsabbli ghal hsara kkagunata.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-konvenut Bond din il-Qorti thoss illi l-partecipazzjoni tieghu kienet ferm aktar marginali. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma jidhriliex li hu ghandu xi responsabbilita` ghat-tfarrik li sar ta` l-oggetti l-ohra fid-

Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista, hlief ghad-danni li gew ikkagunati b`rizultat ta` l-isgass f`diversi bibien u ufficcji li, huwa allegat, seta` gie evitat kieku hu halla lil Dr Louis Galea jidhol fid-Dar Centrali. Ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni dan in-nuqqas ta` responsabbilta` da parti ta` Bond ghandu biss valur akkademiku. Il-likwidazzjoni li saret mill-Perit Tekniku Richard Aquilina kienet limitata fl-ammont ta` Lm1022, hsara li rrizulta unikament rizultat ta` l-oggetti sgassati. Dwar il-hsara fil-calculators Canon Canola u fit-television Telefunken l-atturi kellhom igibu l-provi tad-danni reklamati biex kienet tkun tista` issir il-likwidazzjoni relattiva. Dan ma sarx minnhom u ghalhekk il-kundanna tal-Prim`Istanza, li minnha m`hemmx Appell, hija limitata ghall-ammont ta` Lm1022.

Ikkunsidrat;

Illi n-nuqqas tal-konvenut Bond huwa, aktar minn haga ohra, rizultat ta` ommissjoni da parti tieghu. Mill-hoss tat-tkissir li skond ix-xhieda kien jinstema` anke minn barra u mill-visita tieghu (anke jekk qasira) gewwa l-bini tad-Dar Centrali kien jaf bl-isgass u bil-hsara li kien qed isir. Kien jaf ukoll li dan seta` gie evitat kieku halla lil Dr Louis Galea jidhol. Ghazel pero` li jobdi l-ordni lilu moghtija u li ma jhalli lil haddiehor jidhol hlief ghal Dr Fenech Adami u ghal Dr Guido De Marco. Apparti mix-xhieda gia imsemmija fir-rigward u dik ta` l-istess Dr Louis Galea dwar il-komportament ta` Bond hija relevanti x-xhieda ta` Dr Carmelo Mifsud

Bonnici li dakinhar kien prezenti ma missieru Dr Ugo Mifsud Bonnici *"u dak il-hin l-Ispettur Paul Bond qallu lil papa li qed jaghtih ordni nikkoregi ruhi li Louis Galea kien qed jaghtih ordni ezekuttiva illi ma jistax jidhol fil-Headquarters tal-Partit Nazzjonalista".* Frankament il-Qorti tistqarr illi d-diskors li sar bejn Bond u Bonello u li ghalih gia saret referenza tista` tkun soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet. Mill-banda l-ohra d-decizjoni tal-konvenut Bond li ma jhallix tidhol lil dik il-persuna li setghet evitat jew imminimizzat il-hsara li kienet qed issir ghandha titqies li tinkwadra ruhha bhala nuqqas jew ommissjoni ta` dik id-diligenza, prudenza jew hsieb rikjest u li ghalhekk issib l-applikazzjoni taghha fil-parametri ta` l-artikli 1030 sa 1033 tal-Kodici Civili fuq citati. Huwa minnu li f`certu stadju Dr Louis Galea, meta gie mizmum milli jidhol fil-Kwartieri Generali, spicca jillitika ma` l-Ispettur Bond. Izda ghandu jigi rilevat illi likieku l-ispettur Bond laqgha, minflok ma injora, is-suggeriment li sarlu ftit qabel minn Dr Galea, almenu parti mid-danni kkagjonati setghu gew evitati. Di fatti Dr Galea jixhed hekk "Jiena offrejt id-dispozizzjoni tieghi kollha u ta` kwalunkwe awtorita` li seta` kelli bhala Segretarju Generali, illi nwiegbu domandi u nuruhom l-affarijiet u dan kollu, fil-bidunett, kienu koll ghal xejn dan".

L-inkarigu moghti lill-konvenuti Bonello u Bond kienu dak li jikkonducu 'search' u mhux dak li akkost ta` kollox ihallu hsara tigri bla bzonn. In-nuqqas ingustifikat ta` l-Ispettur Bond f`dan ir-rigward serva biex id-danni komplew jiskalaw.

Ikkunsidrat;

Ghall-kompletezza ta` din is-sentenza din il-Qorti dehrilha illi kellha taghmel ezami qasir tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna fit-teorija ta` l-ubbidjenza ghal ordni superjuri minkejja li, kif ga intqal, din it-teorija ma gietx sufficjentement sostnuta partikolarment fil-kaz ta` l-appellant Bonello. Il-kazijiet ezaminati jitrattaw aktar kazi ta` indoli kriminali jew kostituzzjonali pero`, dan nonostante, jaghmlu osservazzjonijiet li huma ukoll relevanti ghal kaz prezenti.

Fil-kaz 'il-Pulizija versus Grazio Dalli', Appell Kriminali deciz fit-13 ta` Frar 1960 gie ritenut li *"l-imputat kien qed jagixxi in ubbidjenza tal-ordni ta` Bezzina. Issa, per regola (salv il-kaz ta` koazzjoni), jekk l-impjegat jagixxi in ubbidjenza ta` ordni tas-superjur, dan is-semplici fatt ma hux fih innifsu skriminanti"* – il-parti tas-sentenza li ssegwi mhix relevanti ghal kaz civili.

Dan is-sentiment jidher ukoll li kien il-hsieb ewlieni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz 'Tonio Vella versus Kummissarju tal-Pulizija u Supretendent Carmelo Bonello' deciz fil-5 t`April 1991.

Hekk ukoll l-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kaz 'Joseph Azzopardi versus Kummissarju tal-Pulizija et' deciza fid-29 t`April 1992 fejn, interalia, gie ritenut *"imma dan ma jfissirx b`ebda mod illi allura, il-persuna fizika li*

*tkun attwalment ikkommettiet il-ksur, hija mehlusa minn kull responsabbilta` kemm fil-konfront ta l-Istat, li tieghu tkun impjegata, jew, anki, tal-vittma, li batiet il-konsegwenzi ta` dak il-ksur".* (is-sottolinjar huwa tal-Qorti).

Fil-kaz invece quddiem il-Qorti Kostituzzjonali deciz fil-21 ta` Jannar 1993 fl-ismijiet 'John Vella versus Kummissarju tal-Pulizija et' gie dikjarat *"ir-responsabbilta` ta` l-impjegat tirrikorri biss meta huwa jagixxi illegatament jew imur oltre dak li huma d-doveri legittimi tieghu. F`dan il-kaz, vis-à-vis il-vittma huwa responsabbli …..".* (sottolinjar ukoll ta` din il-Qorti)

F`dan il-kaz l-Istat mhux parti f`dawn il-proceduri u l-Qorti ghalhekk ma tistax tindaga s-sottomissjonijiet ta` l-appellanti, partikolarment ta` l-appellant Bonello, li huwa l-Istat li ghandu jkun tenut, se mai, jaghmel tajjeb ghad-danni kkagunati. Apparti mit-teorija tal-culpa in eligendo li giet propju msemmija fl-ahhar kaz Kostituzzjonali kkwotat fir-rigward tal-process civili komparat ma` dak kostituzzjonali u li ghalih jipprovdi l-artiklu 1037 tal-Kodici Civili specifikatament f`kazijiet bhal dak odjern, il-konvenuti setghu, kieku riedu, fil-Prim`Istanza, talbu l-kjamat fil-kawza ta` l-istess Stat jew ta` dik il-persuna/persuni li kienu allegatament tawhom l-ordnijiet superjuri. Dan pero` m`ghamluhx minkejja illi, jekk mhux direttament, setghu zgur indirettament jaghmluh a tenur ta` l-artiklu 1050 ta` l-istess Kodici Civili.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija l-Qorti jidhrilha illi l-apprezzament tal-fatti u tad-dritt maghmula mill-ewwel Qorti huwa apprezzament sostanzjalment korrett u li jimmerita konferma fir-rigward tas-sejba tar-responsabbilta` civili taz-zewg konvenuti ghad-danni kkagunati kif ampjament spjegat f`dawn il-proceduri.

Ezami ta` dawn l-istess fatti u punti ta` dritt pero` iwasslu lil din il-Qorti ghal ri apprezzament tal-persentagg tar-responsabbilta` li giet attribitwita` mill-ewwel Qorti lill-konvenut Bond u dan ghaliex din il-Qorti oggettivament jidhrilha illi kien il-konvenut appellant Bonello li kien principalment responsabbli ghal hsara kkagunata u li l-appellant l-iehor ma jimmeritax li jigi kkundannat ghal aktar minn hmistax fil-mija (15%)tar-responsabbilta` ghal hsara li saret.

Filwaqt ghalhekk li s-sentenza appellata hija kkonfermata in kwantu li l-ewwel Qorti kkunsidrat li d-danni sofferti fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista fis-‘search’ li sar fil-granet in kwistjoni giet ikkawzata minhabba tort u htija taz-zewg appellanti, din l-istess sentenza hija varjata fis-sens illi l-persentagg ta` din ir-responsabbilta` ghandha tkun ta` hamsa u tmenin fil-mija (85%) ta` l-appellant Bonello u ta` biss hmistax fil-mija (15%) tal-konvenut appellant Bond. Din il-Qorti tvarja ghalhekk ukoll il-likwidazzjoni relattiva fil-kundanna ta` l-appellant

Bonello fl-ammont Lm865.70 u ta` l-appellant Bond fl-ammont biss ta` Lm153.30.

L-ispejjez tal-Prim`Istanza huma kif minnha deciz. Dawk ta` l-Appell jithallsu fl-istess proporzjon mill-appellanti u cioe` hamsa u tmenin fil-mija (85%) mill-appellant Bonello u hmistax fil-mija (15%) mill-appellant Bond.

Dep/Reg.

gs